*KAP TA' SPEJJEZ*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis l-1 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 20**
**Citazzjoni Numru: 28/2000/RCP**

**Queenie Camilleri**

**vs**

1. **Reuben Camilleri**
2. **Theresa Camilleri**
3. **Helen Azzopardi u**
4. **Mariella Abela.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, bi qbil bejn l-attrici u l-konvenuti, l-fond "Neat Design”, 93B, Naxxar Road, Balzan, kien qed jinzamm taht il-kustodja, kontroll u pussess komuni, bejn iz-zewg partijiet u cioe` bis-sistema ta' 'Joint custody’ fis-sens illi il-fond jinghalaq permezz ta' zewgt’ icwievet differenti, wahda mizmuma mill-attrici u l-ohra mizmuma mill-konvenuti.

Illi fis-16 ta' Novembru, 1999 il-konvenuti jew min minnhom zgassaw il-fond imsemmi "Neat Design"', 93B, Naxxar Road, Balzan, u dahlu fil-fond, biddlu ic-cwievet u ghalhekk l-access ghall-imsemmi fond u arbitrarjament hadu il-pussess unikament f’idejhom.

Illi illum dan il-fond jinfetah biss mic-cavetta mizmuma mill-konvenuti u ghalhekk ikkomettew spoll ghad-dannu tal-attrici billi spussessawha mill-pussess li kellha fuq l-imsemmi fond.

Illi kif jirrizulta mill-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4004/99 (Dok. "A” hawn anness) u il-Mandat ta’ Deskrizzjoni numru 4111/99, (Dok “B” hawn anness) l-attrici ghandha nteress illi timmantjeni il-pussess taghha u li tigi reintegrata fil-pussess illi kellha konguntement mal-konvenuti ghall-imsemmi fond, peress illi, dan il-kunsens kien jinibixi lill-konvenuti milli jidhlu fl-imsemmi fond jekk mhux bil-kunsens tal-istess attrici.

Illi interpellati biex jipprestinaw l-ispoll minnhom kommess, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

L-istess attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom arbitrarjament, abbuzivament u illegalment zgassaw il-fond "Neat Design", 93B, Naxxar Road, Balzan fis-16 ta' Novembru 1999, biddlu s-seraturi u l-access u b'hekk hadu l-pussess unikament mill-istess fond, liema parti kienet fil-pussess komuni tal-attrici u tal-konvenuti li b'hekk ikkomettew spoll ghad-dannu tal-istess attrici.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jispurgaw l-ispoll hekk kommess u jergghu jpoggu kollox fl-istat prestin billi jerghu jipprestinaw zewgt' icwievet wahda differenti mill-ohra, cavetta wahda mizmuma mill-attrici u cavetta ohra mizmuma mill-konvenuti, b'mod illi l-attrici u l-konvenuti jerga' jkollhom il-pussess, detenzjoni, kustodja u kontroll komuni tal-istess fond "Neat Design", 93B, Naxxar Road, Balzan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss taht is-sorveljanza ta' Perit Arkittett.

3. Tawtorizza lill-attrici li fin-nuqqas ta' dan, taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex terga' tohloq l-access taht il-pussess, kontroll, kustodja u detenzjoni komuni bejnha u bejn il-konvenuti, b'zewgt

icwievet wahda diversa mill-ohra, cavetta minnhom mizmuma mill-attrici u l-ohra mill-istess konvenuti.

Bl-ispejjez u bir-riserva ghall-azzjoni ulterjuri jekk u meta jirrizulta illi l-konvenuti inpussessaw irwiehom mill-oggetti mahzuna fl-istess fond li taghhom ghandha dritt ta' proprjeta` ukoll l-attrici.

Il-konvenuti jibqghu minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et sequitur* tal-process;

Rat id-dokumenti ezebiti ma l-istess citazzjoni attrici.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie ecceppit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attrici qatt ma kellha l-pussess tal-fond "Neat Design", 93B, Naxxar Road, Balzan u ghalhekk l-eccipjenti ma kkommettewx spoll vjolenti u ricenti kif premess fic-citazzjoni attrici;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jezistux l-elementi kollha mehtiega ghall-azzjoni ta' spoll;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol 25 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Marzu 2000; tat-18 ta' Mejju 2000 fejn xehdu l-Marixxall Nicholas Sammut, il-Marixxall Michael Micallef u Reuben Camilleri. Illi fuq stedina tal-Qorti l-partijiet qablu li fi zmien gimghatejn kellhom jiltaqghu u jitransigu b'dan li jsir katnazz u c-cavetta tinzamm mill-konvenuti u li ssir serratura u din ic-cavetta tinzamm mill-attrici fl-isfond ta' dan l-eventwali ftehim il-partijiet jobbligaw ruhhom li jikkoloboraw f'kaz ta' bzonn biex il-fond jigi miftugh mit-tnejn.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2000 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-mertu huwa ezawrit peress li fil-mori l-pussess gie reintegrat. Il-kawza giet differita ghall-probabbli transazzjoni dwar il-kap tal-ispejjez ghall-25 t'Ottubru 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 t'Ottubru 2000 fejn Dr Dominic Cassar ghall-attrici nforma l-Qorti li t-transazzjoni dwar il-kap tal-ispejjez ma saritx.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi ghalhekk peress illi l-mertu ta' din il-kawza hu ezawrit fadal biss il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjez.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attrici kellha pussess tal-fond in kwistjoni peress illi kellha c-cavetta tas-serratura tal-bieb; mentri l-konvenuti kellhom ic-cavetta tal-katnazz. Illi l-bieb tal-fond in kwistjoni seta' jinfetah biss meta jintuzaw iz-zewgt' icwievet kontemporanjament. Dan gie kkonfermat kemm mill-attrici, mill-Marixxallli li marru fil-fond biex jezegwixxu l-mandat ta' deskrizzjoni kif ukoll minn Reuben Camilleri. Illi a rigward tal-kwistjoni odjerna cieo` l-allegazzjoni li s-serratura tal-bieb kienet giet sgassata u ghamlu katnazz gdid irrizulta li kienet minnha. Illi kwindi l-konvenuti bl-azzjoni taghhom innegaw l-access ta' l-attrici fil-fond "Neat Design", 93B, Naxxar Road, Balzan, u konsegwentement l-attrici ma kellhiex alternattiva ohra hlief li tipprocedi bil-kawza odjerna.

Illi ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tiddikjara l-mertu ezawrit stante li l-

pussess gie rientegrat u cessjon tieghu, u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-kap ta' l-ispejjez interament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**1 ta' Frar 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Frar 2001.**